MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 143/2009/1

**Appell numru: 143/2009**

**GO plc - C22334**

**vs**

**JOSEPH MELI –ID: 194857(M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'It-Tribunal,*

*I PRELIMINARI*

*Ra li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' elf, mitejn u tlettin Ewro u tmenin centezmi (€1,230.80c) dovut ghal servizz telefoniku nru 21579881 skond id-dokumenti A u B esibiti mal-AVVIZ. Bl-ispejjes u mghax mid-29 ta' Settembru 2004.*

*Ra r-RISPOSTA fejn fl-ewwel lok giet imqajjma l-preskrizzjoni skond l-art. 2156(f), u fil-mertu li l-ammont pretiz mhux dovut. Di piu is-socjeta' attrici ghandha ggib prova specifika permezz ta' "Statement of Account" li huma reconciled u li jatu prova tat-telefonati kollha li allegatament saru u kwalunkwe hlasijiet li setghu saru u li l-kontijiet inhargu ai termini tal-istruzzjonijiet moghtija mill-eccipjent lill-predecessur tas-socjeta' attrici f'Lulju 2004. Di piu ukoll l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjes ta' dawn il-proceduri stante li minkejja struzzjonijiet espressi riferibilment ghall-"mailing address" huwa baqa qatt ma rcieva l-ebda kont jew interpellazzjoni ghall-hlas sa mill-2004.*

*Ra li l-konvenut gie mharrek fl-indirizz 328, St. Paul Street, Valletta u hekk ukoll jidher l-indirizz meta Joseph Meli KI 194857M ipprezenta r-RISPOSTA bid-data 13 Nov 2009. Jigi osservat li n-notifika saret ukoll bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal lokali. Jizdied jigi notat li fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009 gie verbalizzat li d-difensur tas-socjeta' attrici "minkejja li ghadda z-zmien mhux qed jopponi (li) l-konvenut jipprezenta risposta".*

*II PROVI*

*1. Il-PL Noel Scerri ghas-socjeta' attrici gibed l-attenzjoni ghall-ftehim li kien dahal ghalih il-konvenut, skond id-dokument a fol 3 (recte: 2) tal-process rigward it-telefon nru 21579881. Id-Dok B a fol 4 juri l-bilanc dovut mitlub. Dan jirrigwarda diversi kontijiet pendenti. Jinkludi pulses, local calls, international calls u telefonati li jsiru lil mobile kif ukoll ir-renti tal-linja.*

*2. L-ahhar pagament li sar kien f'Settembru 2004. Rigward dak sollevat mill-konvenut li ma rceviex kontijiet, il-konvenut ghandu jistaqsi ghalihom. Dawn "jinhargu komputerizzati fl-indirizz li jkun inghata mis-subscriber".*

*3. Meta raga xehed, il-PL Scerri qal li ma jinzammux kopji tal-kontijiet li jkunu ntbaghtu. Jinzamm il-bilanc li jigi mputat fil-komputer u in segwitu johrog "statement" kif hemm fid-Dok B. Jekk il-konvenut ikun*

*ghamel pagament, jirrizulta wkoll. L-ndikazzjoni PYAC tfisser hlas. Zied: f'Settembru 2004 nikkonferma li fil-fatt il-konvenut kien talab li jsir trasferiment ta' dan is-servizz f'post iehor; pero ma jirrizultax li kien hemm talba ghas-sospensjoni tal-istess servizz skond ir-records.*

*4. Joseph Meli, konvenut xehed li fis-17 ta' Lulju 2004 kellem lic-Chairman tal-Maltacom biex jitrasferixxi l-linja. Kien baghat l-ittra Dok JM1 a fol 34.*
*L-ittra datata 17.07.2004 indirizzata lil The Chairman, Maltacom, Spencer Hill, Marsa tghid dan:-*

*Re: Telephone Line 579881*

*This is to inform you that on August 31st 2004, I shall be moving out from my address, that is, Kristu Re, Flat 2, Ramon Perellos Street, St. Paul's Bay and therefore, I need to transfer this telephone line 579881 to a new address within the St. Paul's Bay Telephone Exchange.*

*This line, which I ask you to DISABLE all international connections, is to remain operative up to December 31st 2004.*

*I will not honour any billing containing international call billing IF the above instruction is not followed, similarly, I will not pay rentals if the line 579881 remains operative, against my above mentioned instructions.*

*Would like to inform you that I have paid all my pending bills last month, hence, I am awaiting my new billings since my last payment did not include the current period.*
*I shall leave this communication with the St. Pauls's Bay Telephone Exchange as instructed by the Foreman / person-in-charge there when I went to ask for instructions how to follow the procedure to transfer the telephone line and advise that the line will be no longer needed after December 31st of this year.*

*Thank you for your co-operation.*

*5. Kien ircieva l-ittra datata 28.09.04, Dok JM2 a fol 35. Din issemmi l-applikazzjoni ghal trasferiment u ssemmi kont pendenti ta' LM127.86c. Qalulu li "l-applikazzjoni tieghek se jkollha tinzamm sakemm isir il-hlas mehtieg jew inkella jintlahaq ftehim mod iehor".*

*6. Kien ircieva kont ghall-habta tas-26 ta' Mejju 2009 u nfurmahom li kien dispost li jhallas safejn hass li kellu jhallas u ma kienx dispost li jhallas il-bqija. Dan qalulhom fl-ittra Dok JM a fol 36.*

*7. Meta rega xehed qal li kulma rcieva kien "speci ta' ledger" li hu dak li jidher a fol 4 et seq. Dan ghalih mhux kont u qabel infethet il-kawza qatt ma rcieva kont jew "statement".*

*8. Ammetta li dak li ghandu jtihom zgur hu l-ammont a fol 35 (LM127.86). Dan ma hallsux "ghax ghadni ma rcevejtx il-kont".*

*III KONSIDERAZZJONIJIET*

*It-TRIBUNAL, wara li ezamina x-xhieda u qies is-sottomissjonijiet verbali u bil-kitba tal-partijiet jikkunsidra hekk:-*

*1. Jibda biex iqis il-preskrizzjoni sollevata fir-RISPOSTA li hi dik indikata bhala art 2156(f). Xejn izjed. Din mhiex indikazzjoni adegwata u t-TRIBUNAL ma jistax jassumi x'ried verament jindika l-konvenut. Preskrizzjoni qasira trid tigi ndikata bi precizjoni assoluta.*

*2. Imma hemm punt iehor. Il-konvenut qed jammetti li ghandu jhallas LM127.86 u sahansitra qed jistenna li jibghatulu xi bilanc sal-31 ta' Dicembru 2004. Dan fih innifsu hu ammissjoni li ghandu jati, u li jonqos hu li jigi precizat il-quantum. Dan ukoll iwaqqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qasira.*

*3. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi definitivament michuda.*

*4. Nigu ghall-mertu. Fl-ewwel lok hawn japplika l-principju li min jallega jrid jipprova u dan skond id-dritt probatorju in civilbus. Issa s-socjeta' attrici kulma pprezentat hu d-Dok B a fol 21 tal-process. Mitluba mill-konvenut biex iggib kopja tal-avvizi ta' hlas li hi tghid li baghtet lill-konvenut, gie mistqarr li s-socjeta' mhiex fi grad li taghmel dan. Da parti tal-konvenut, ipprova li hu ta' struzzjonijiet specifici bil-miktub. Il-konvenut jidher li zamm il-kopji fir-rigward u t-TRIBUNAL m'ghandux raguni biex jiddubita' mill-awtenticita' ta' dawn.*

*5. It-TRIBUNAL ihoss li hu pruvat li ghandu jithallas il-quantum accettat mill-konvenut u xi hag'ohra li ma gietx specifikata ghall-bqija sal-31.12.2004. Hawn jidhlu, anke ghall-pratticita' l-principji tal-ekwita' li, statutorjament ghandhom jiggwidaw lit-TRIBUNAL.*

> *6. Mas-somma ta' LM127.86 (issa €297.91) qed jizdied ammont iehor li jgib il-quantum ghal €500. Dan ghandu jitqies ukoll fil-kap tal-ispejjes billi xejn ma zamm lill-konvenut milli jhallas l-ammont ta' LM127.86 minnu accettat.*
>
> *DECIZJONI*
>
> *It-TRIBUNAL, jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (2) jilqa t-talba tas-socjeta' attrici biss billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici il-quantum ta' hames mitt Ewro (€500) (3) jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu inkompatibbli mal-kundanna tal-hlas (4) fuq il-€500 jiddekorri l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv (5) l-ispejjes tal-kawza jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' attrici u t-terz l-iehor mill-konvenut'*

Illi minn din is-sentenza appella l-intimat Joseph Meli bl-aggravju illi saret konsiderazzjoni żbaljata mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu għaliex is-somma ta' Lm 1,127.86 c jirreferi għall-ammont li kellu jitħallas bħala kondizzjoni f'każ ta' trasferiment. Huwa jgħid illi dan l-amomnt tħallas fid-29 ta' Settembru 2004 u jgħid illi bħala riżultat ta' dan il-linja ġiet trasferita f'lokazzjoni ġdida. L-appellant talab ukoll *billing* pero is-soċjetà appellata qatt ma ipprovdietlu dan u l-ebda fattura ma giet esebieta.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti. Is-soċjeta appellata Go Plc talbet il-ħlas ta' elf, mitejn u tlettin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1230.98) dovut għal servizz telefoniku bin-numru 21579881. Illi l-konvenut appellanti ikkontesta dan quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, izda t-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500).

Jibda sabiex jiġi osservat minn din il-Qorti illi hemm konferma mill-konvenut appellanti stess illi l-ammont ta' Lm 127.86 c (indikat a fol.35 dokument immarkat bħala dok JA2) huwa dovut, u dan skond xhieda tiegħu stess a fol 56. In oltre, jingħad illi f'dik ix-xhieda tiegħu stess, il-konvenut qiegħed jammetti

ukoll illi huwa qed jistenna li jirċievi kont li jirreferi ghal bilanc dovut sal-31 ta' Dicembru 2004. Jiġifieri il-konvenut appellanti jammetti huwa stess illi oltre l-ammont ta' Lm 127.86 c huwa baqalu jagħti lis-soċjetà appellata. Minkejja illi s-soċjetà appellata baqgħet ma ipprovdietx il-*billing* kif kienet mitluba tagħmel mill-appellanti, u in vista tal-fatt illi ġie stabbilit illi l-appellanti kien għad baqalu jagħti ghall-bqija sal-31.12.2004, jirrizulta li t-Tribunal ghamel ezercizzju jew gudizzju ta' ekwita` biex wasal għall-*quantum* dovut mill-appellanti.

Fir-rigward ta' dan il-prinċipju ta' ekwita, jingħad illi l-ligi li bih twaqqaf it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita.

Skond duttrina taljana fuq is-suggett (Ara Cian u Trabucchi "Commentario breve al Codice Civile", Ed. 2002, pagna 1375), "*nel ricorso al criterio dell'equita` troverebbe espressione il meccanismo della cosi detta interpretazione integrativa, da intendere come quel procedimento logico con cui si cerca di trovare, in relazione ad una vicenda del rapporto non contemplata dalle parti; una soluzione conforme allo spirito e agli scopi obiettivi del regolamento di interessi che le parti medesime hanno posto in essere nel caso concreto*"[1].

Ukoll ġie ritenut:

"*Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina jekk fil-kaz in ispecje t-Tribunal iddeterminax il-kontroversja "principalment skond l-ekwita`"(Art 7 (1) tal-Kap. 380). Fuq kollox, jekk l-apprezzament tieghu*

[1] Ad Ventures Ltd Vs Arcidiacono Imports Co Ltd, Appell Inferjuri, 20/10/2003.

*mil-lat ta' ekwita` giex sewwa mizurat u ibbazat ukoll fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu, kif drabi ohra rilevat, "it-Tribunal ma kellu l-ebda dritt, anke jekk abbazi ta' l-ekwita`, li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu." ("Blye Engineering Company Limited – vs- Vincent Caruana", Appell, 27 ta' Ottubru 2000). Jekk jirrizultalha li hekk sar anke f'dan il-kaz allura l-apprezzament tat-Tribunal ma jistax jissotraji ruhu ghall-kontroll ta' din il-Qorti u tas-sindikar minnha tal-gudizzju.*

*M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza. F'sens konkret ifisser ukoll ezercizzju tal-konsiderazzjoni tal-kuntratt, l-aspett tal-buona fede bhala element integrattiv tal-kuntratt innifsu, l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet pattwiti, l-allegazzjoni li dawn l-istess xoghlijiet ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha, u konsiderazzjonijiet ohra rilevanti u konkomitanti bhal, per ezempju l-verifiki teknici ta' l-istess xoghlijiet.*[2] *"*

Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz id-decizjoni tat-Tribunal hija skont il-kriterju prefiss mil-legislatur. It-Tribunal fil-motivazzjonijiet tieghu sewwa jirraguna illi minkejja li s-soċjetà appellata baqgħet ma bagħtitx *billing* kif mitlub mill-appellanti, izda in vista tal-ammissjoni tal-konvenut u x-xhieda tiegħu, il-mekkanizmu tal-ekwita` kien certament jiskatta f'dan il-kuntest. L-istess bhat-Tribunal qabilha, din il-Qorti hi konvinta illi jirriżulta li hemm xi debitu dovut u l-gudizzju ta' l-ekwita` hu ntiz proprju biex jimla l-lakuna tan-nuqqas tal-prova.

[2] Appell Civili Numru. 1113/2001/1 fl-ismijiet Vella Edwin Vs Briffa Joanna 7 ta' Mejju, 2004

In vista tal-ammissjoni tal-konvenut appellanti stess illi l-ammont ta’ Lm 127.86 c huwa dovut kif ukoll illi għad hemm dovut lis-soċjetà appellata bilanċ sal-31 ta’ Dicembru 2004, anki tenut kont tal-fatt illi s-soċjetà appellata baqgħet ma ipprovdietx il-*billing* kif kienet mitluba tagħmel mill-appellanti, it-Tribunal ikkonkluda illi mas-somma ta’ LM127.86 (issa €297.91) kellu jizdied ammont iehor li jgib il-*quantum* ghal €500. Dan premess, il-Qorti ssib li l-ezercizzju li sar mit-Tribunal kien konformi ghall-principju ta’ l-ekwita u din il-Qorti f’dan il-kaz ma ssibx raguni biex tissostitwixxi l-apprezzament taghha ghal dak tat-Tribunal. Wieħed irid iżomm f’moħħu ukoll illi t-Tribunal kien qasam l-ispejjeż in kwantu ghal żewġ terzi jiġu sopportati mis-soċjeta attriċi u terz mill-konvenut u dan ukoll in linja ma’ dak minnu deciz.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenut appellanti qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------